# Bandisti ta' l-Imgħoddi

***Bosta huma l-bandisti tal-Banda Beland illi minkejja li għaddew bosta snin, għadhom jisemmew bi stima u b'simpatija fost il-bandisti u l-membri tas-Soċjetà.***

Wieħed minn dawn il-bandisti li żgur jixraqlu jiġi mfakkar huwa bla dubju ta' xejn Willie Sestito jew kif għadu magħruf sal-lum Willie tal-flawt.

Willie twieled iż-Żejtun nhar l-14 ta' Diċembru, 1886 fi żmien meta l-banda kienet diġà xxettlet sewwa u bdiet tagħmel il-frott. F'żgħożitu huwa ra lill-każin Beland jittrasferixxi ruħu minn Triq il-Madonna tal-Bon Kunsill għas-sede preżenti quddiem il-knisja. Il-famija Sestito kienet toqgħod eżattament biswit il-każin, eżattament fejn kien joqgħod



*Willie Sestito liebes l-uniformi tal-banda).*

il-Mons. S. Grima, u b'tieqa illi kienet tħares eżattament għal ġol bitħa tal-każin. Ma setax jonqos għalhekk illi ċ-ċkejken Willie ma jinġibidx għall-banda. Infatti skond ma qaltilna bintu Victoria huwa tħarreġ fl-arti tal-Mużika taħt Mro. Angelo Mifsud (Ċirkes) u ta' 10 snin jiġifieri fl-1896 ħareġ idoqq l-ottavin mal-banda taħt l-istess Mro. Mifsud. Xi snin wara l-banda għaddiet f'idejn Carlo Diacono. Maż-żmien Willie bidel l-isturment u qaleb għal flawt li baqa' jdoqq sakemm irtira mill-banda fl-1954 eżattament malli emigra lejn l-Awstralja s-Surmast Carmelo Baldacchino. (Ara wkoll ir-ritratt f'paġna 33). Il-familja Sestito kellha ħbiberija kbira mas-Surmast Carlo Diacono. Uliedu jirrakkontaw illi meta Diacono kien qed jipprepara biex l-opera tiegħu l'Alpino tidher għall-ewwel darba huwa inqeda bil-każin sabiex jipprova d-dramm ta' l-opera. Il-familja Sestito kollha ħadet sehem f'dawn il-provi ġewwa l-każin. Meta fl-1919 Caro ikkompona l-innu immortali għall-banda 'A Santa Caterina' huwa kien ispirat mit-tisfira li Willie kien saffar mill-bitħa tal-każin biex jiġbed l-attenzjoni ta' martu mit-tieqa taddar tiegħu. Carlo immortalizza din it-tisfira f'battuti ferrieħa matul l-innu kollu. Dan kollu kkonfermah Carlo stess ma' Willie li minn naħa tiegħu ikkonfermaħ ma' uliedu.

Willie kien jaħdem ta' pustier mal-gvern u fiż-żmien kien l-uniku pustier fiż-Żejtun. Għad li Willie qatt ma kien membru fil-Kumitat Direttiv huwa kien ikun minn ta' quddiem fejn jidħlu l-interessi tas-Soċjetà. Kien ukoll wieħed mill-Presidenti tas-Soċjetà Mutuo Soccorso. Uliedu kienu ferm attivi fil-qasam teatrali ġewwa l-Każin. Bintu Victoria tifforma parti mill-Kummissjoni Attivitajiet Soċjali filwaqt li bosta neputijet u pro-neputijiet huma attivi fi ħdan is-Soċjetà Beland. Willie miet nhar it-30 ta' Jannar, 1960.

***'Agħtih O Mulej, il-mistrieħ ta' dejjem',***